L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL INTERMEDJU TAL-MATRIKOLA**
**IT-TIENI SESSJONI 2022**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| DATA: | 1 ta' Settembru 2022 |
| ĦIN: | mid-9:00 a.m. sa 12:05 p.m. |

## TAQSIMA A: IL-QARI U L-KITBA PRATTIKA

### A1. Il-qari

**Aqra din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**

### Kif Ċerti Nies Jgħixu 'l Fuq Minn Mitt Sena?

Il-kittieb Dan Buettner għamel ħafna riċerka u kiteb dwar pajjiżi fejn in-nies jgħixu 'l fuq minn mitt sena. Dawn il-postijiet, li hu sejħilhom 'Żoni Blu', jinkludu Okinawa fil-Ġappun, ir-reġjun tal-Barbagia f'Sardinja u parti minn Kalifornja. Flimkien ma' xi riċerkaturi ried jara għaliex in-nies f'dawn il-postijiet jgħixu ħajja daqshekk twila u fuq kollox kuntenta. B'mod ġenerali sab li jieklu ħafna frott u ħaxix, għandhom sapport soċjali tajjeb ħafna madwarhom u jibqgħu jagħmlu l-eżerċizzju ħajjithom kollha. Iżda sab ħaġa oħra komuni bejniethom: dawn il-komunitajiet jibqgħu jieħdu ħsieb il-ġonna u jaħdmuhom sa età avvanzata. (par. 1)

Għaliex il-ġardinaġġ jgħinna ngħixu ħajja itwal? Il-benefiċċji ta' ħajja qalb in-natura, għax-xemx u l-arja nadifa, huma kbar. Imma aktar importanti, bħala bnedmin ikun ta' ġid għalina meta nkunu qrib in-natura għax aħna parti minnha. Il-ġardinaġġ huwa wkoll forma ta' eżerċizzju fiżiku li jgħinna nserrħu l-menti u nirrilassaw. (par. 2)

Madankollu mhux kulħadd għandu ġnien. Għalhekk dawk li m'għandhomx jistgħu jkunu żvantaġġjati. Fil-fatt xi studji oħrajn osservaw li hemm rabta bejn l-ambjent u l-klassi soċjali. Hemm it-tendenza li nies ta' klassi soċjali komda jgħixu fi nħawi aktar imħaddra, filwaqt li nies ta' klassi inqas affluwenti jgħixu f'bini għeri mingħajr ħdura. (par. 3)

Meta f'Malta bdew jinbnew il-flats tal-Gvern, kollha nbnew fuq pjanti li ressqu l-bini tliet metri 'l ġewwa minn xifer it-triq sabiex ikun hemm ġnien żgħir quddiemhom. Sfortunatament ma kienx hemm infurzar fuq l-użu ta' dawn l-ispazji. Xi wħud intużaw bħala ġonna kif kien ippjanat u b'hekk isebbħu l-ambjent u jnaddfu l-arja. Iżda f'oħrajn inbnew gabubi tal-aluminju jew inksew bil-madum għall-parkeġġ ta' xi mutur jew għal xi użu ieħor. Sforz kollettiv li kellu liġi warajh biex kulħadd jitpaxxa bil-ħdura ma laħaqx l-għan tiegħu. (par. 4)

*(Adattata minn "Kif Ċerti Nies Jgħixu 'l Fuq Minn Mitt Sena?" ta' Sina Bugeja,* Newsbook*, 6 ta' Awwissu, 2021)*

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**Wieġeb il-mistoqsijiet skont dak li għadek kemm qrajt.**

1. Ikteb l-ittra tal-istqarrija t-tajba: (2)
   a. Nies li jgħixu mingħajr ħdura jew ġnien qatt mhu se jirnexxilhom jgħixu sa mitt sena.
   b. Nies li jsegwu dieta Mediterranja jgħixu sa mitt sena.
   ċ. Nies li jqattgħu ħinhom jieħdu ħsieb il-ġonna jgħixu sa mitt sena.
   d. Nies li jgħixu fin-natura għandhom vantaġġ fuq dawk li jgħixu f'ambjent mingħajr ħdura.

2. Qassar it-test li għadek kemm qrajt f'paragrafu wieħed ta' **bejn 80 u 90 kelma**. Ikteb fi kliemek u uża t-tielet persuna fil-perfett. (5)

3. Għala taħseb li hemm rabta bejn il-klassi soċjali tal-individwi u l-ambjent li jgħixu fih? (3)

**A2. Il-kitba prattika**

Ikteb ittra ta' bejn **100 u 150** kelma lill-Kunsill Lokali ta' Ħal Gremxula biex l-art abbandunata li hemm fit-tarf tar-raħal terġa' tibda tinħadem mill-ġdid. (10)

**(Total: 20 marka)**

**TAQSIMA B: IL-LINGWISTIKA**

**Wieġeb IŻ-ŻEWĠ mistoqsijiet.**

1. Il-lingwa għandha s-setgħa li tinkludi inkella teskludi membri differenti tal-komunità lingwistika. Uri kif dan hu minnu billi f'kitba ta' **bejn 80 u 100 kelma** tittratta aspett tal-għażla tiegħek. (6)

2. Nomi bħal 'pjazez' u 'ktieli' jixhdu li kliem ta' nisel Rumanz ('piazza') u Ingliż ('kettle') tant intgħaġen mal-grammatika Maltija li ġieli jieħu l-plural miksur, mekkaniżmu li writna mill-Għarbi. F'kitba ta' **bejn 300 u 350 kelma** spjega kif il-morfoloġija tal-Malti żviluppat billi elementi minn ilsna Ewropej qagħdu jew ma qagħdux għall-istrutturi nattivi. Saħħaħ id-diskussjoni b'eżempji xierqa. (15)

**(Total: 21 marka)**

**TAQSIMA Ċ: IL-POEŻIJA**

**Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 300 u 320 kelma.**

1. Il-ġabra *Xi Drabi Mqar Persuna* ta' Simone Galea tirrifletti fuq it-tbatija tal-mara. Iddiskuti.

**JEW**

2. Simone Galea f'*Xi Drabi Mqar Persuna* spiss tuża x-xbieha tal-ilma bħala metafora. Iddiskuti b'referenza għax-xogħlijiet miġbura fil-ktieb.

**(Total: 22 marka)**

**TAQSIMA D: Il-PROŻA**

**Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 300 u 320 kelma.**

1. Fir-rumanz *Ħelsien* ta' Ġużè Bonnici n-narratur dwar Feliċ jistqarr: "Dnubietu, jekk kellu, kienu kollha mnissla mill-imħabba u mit-tjieba ta' qalbu". Iddiskuti l-imħabba bħala ġustifikazzjoni għall-azzjonijiet ta' Feliċ.

**JEW**

2. Iddiskuti s-simboliżmu fir-rumanz *Ħelsien* ta' Ġużè Bonnici bħala tħabbira għal dak li ġej.

**(Total: 22 marka)**